# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***


**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 78**

**Nhar l-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2018, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 78 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2018, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Eman Vella – Deputat Sindku
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Mario Sammut - Kunsillier

**ASSENTI**
Clayton Gauci - Kunsillier

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:18pm.

ii. Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

iv. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

78.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

78.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

78.4 Korrispondenza

78.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

78.6 Rapporti;

78.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

78.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;

78.9 Mozzjonijiet;

78.10 Attivitajiet tal-Milied

78.11 Laqgħa tal-Kommunita' 2018

78.12 Tmiem tal-Laqgħa u data għal-laqgħa li jmiss

**78.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

78.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien nota ta' apoloġija għal din il-laqgħa, mingħand il-Kunsillier Mario Sammut, li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

78.1.1.i Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta din in-nota u għalhekk dan il-Kunsillier tniżżel bħala assenti b' apoloġija.

**78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

78.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**78.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

78.3.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċieva talbiet għal żewġ un/loading bays fi' Triq il-Kbira. Il-Kunsill iddiskuta dawn it-talbiet u qabel li jintalab il-permess ta' Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

78.3.2 Is-Sindku ta' rendikont tal-involviment tal-Kunsill fil-pussess tal-Kappillan il-ġdid tal-parroċċa tal-Imġarr, Dun George Schembri. Il-Kunsill unanimament feraħ u offra l-kooperazzjoni tiegħu lill-kappillan.

78.3.3 Is-Sindku semma' li ftit jiem qabel, fil-knisja parrokkjali, ttellgħet parti mill-International Choir Festival organizzat mir-Reġjun Tramuntana.

78.3.4 Is-Sindku ta' spjegazzjoni ta' rapport li kien ħejja dwar l-istat ta' toroq fl-Imġarr. Dan ir-rapport jinqasam f' 4 sezzjonijiet :

- Toroq li saru f' housing area bl-użu tal-cold asphalt u li għandhom bżonn wiċċ ġdid;
- Toroq f' żoni urbani li qatt ma ġew asfaltati;
- Toroq li huma fi' stat ħażin u li patching mhux biżżejjed;
- Toroq li hemm bżonn li jinfetħu għall-immaniġġjar aħjar tat-traffiku.

Il-Kunsill qabel li dan ir-rapport jiġi studjat aktar fid-dettal sabiex meta jiġi konkluż, tissejjaħ laqgħa ma' Infrastructure Malta dwaru u dwar il-proposti li fih.

**78.4 Korrispondenza**

78.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

78.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara talba li saret lid-DLG, il-proġett tal-mixtla kommunitarja tal-Facciol ingħata estenzjoni sa' Novembru 2019.

78.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korrispondenza mingħand Dr Chris Cillia LLD. F' isem id-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fejn fiha il-Kunsill kien qed jintalab li jħallas €600 għal allegat xogħol ta' tindif li kien sar fl-2015. Il-Kunsill iddiskuta din il-korrispondenza u peress li li kien talab hu għal dan ix-xogħol, la kien irċieva notifikazzjonijiet li kien ser isir jew biex jieħu passi u la kien ingħata l-ebda' forma oħra ta' xhieda li dan ix-xogħol kien sar, il-Kunsill, bħalma kien agħmel oriġinarjament fl-2105, kien qed joġġezzjoni li jħallas dan l-ammont. Ġie deċiż ukoll li din il-korrispondenza tintbgħat lill-avukat tal-Kunsill, Dr Raphael Fenech Adami, sabiex jikkorrispondi hu f' isem il-Kunsill ma' Dr Cilia.

**78.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

78.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**78.6 Rapporti**

78.1 Ma kienx hemm rapporti waqt din il-laqgħa.

**78.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

78.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-proċess tal-evalwazzjoni taż-żewġ tenders pendenti kien tlesta. Għaldaqstant hu pprezzenta żewġ rapporti tal-evalwazzjoni, wieħed dwar MGR 2018/01 u l-ieħor dwar MGR 2018/03. Dawn iż-żewġ rapporti ġew approvati unaimament mill-Kunsill u għalhekk ser ikunu qed jittellgħu fuq is-sit tal-Etenders. L-MGR 2018/01 ġiet magħżula l-offerta ta' Mekkanika Ltd peress li kienet l-aktar waħda irħisa u kompatibli ma' dak mitlub. L-MGR 2018/03 ġiet magħżula it-tieni offerta ta' Agriproducts Ltd, peress li l-ewwel waħda ma kinitx kompletament kompattibli ma dak mitlub, u allura intagħzlet it-tieni waħda peress li kienet l-irħas waħda fost dawn kompattibli.

78.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Performance Review taż-żewġ membri tal-istaff, Natasha Cassar u Dorianne Farrugia, għas-sena 2018. Il-Kunsill approva iż-żewġ rapporti u dawn iż-żewġ ħaddiema ser jingħataw bonus ta' 6% kull waħda għas-sena 2018.

78.7.3 Il-Kunsill iddiskuta proposta tas-Sindku biex iz-zoni fil-Housing Estate lejn Triq Ganfra jinbidlu f' outdoor gyms. Il-Kunsill iddiskta wkoll it-tagħmir li għandu jiġi installat f' dawn l-4 zoni, wara kwotazzjoni li nġabbru. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar ukoll li għal dan il-proġett kienet saret applikazzjoni lid-DLG taħt l-iskema ta' fondi għal tagħmir u/jew attivitajiet sportivi.

**78.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

78.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti numru 13 li kienet tammonta għall-Ewro 49,882.85

78.8.2 Din l-iskeda ġiet approvata unanimament.

**78.9 Mozzjonijiet**

78.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet waqt din il-laqgħa.

**78.10 Attivitajiet tal-Milied**

78.10.1 Il-Kunsill iddiskuta il-pjanijiet għas-serata tal-Ġimgħa 21 ta' Diċembru, fejn kellha tinfetaħ wirja ta' pitturi minn artisti żgħażagħ mil-lokal fis-sala tal-ewwel sular tal-bini amministrattiv tal-Kunsill. Wara kellha ssir bibita għall-dawk kollha li kienu ser jattendu.

**78.11 Laqgħa tal-Kommunita'**

78.11.1 Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-laqgħa annwali tal-kommunita' li kellha tittella' il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru fis-sala prinċipali tal-Kunsill.

**78.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

78.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6:44pm.

78.11.2 Il-Laqgħa numru 79 tal-Kunsill issejħet għal-nhar l-Erbgħa, 9 ta' Jannar 2019, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***